MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 401/2010

**Appell Numru: 401/2010**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmel sive Raymond Micallef**
***omissis***

Illum 24 ta' Jannar, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 505465 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-26 ta' Settembru 2003 ghall-habta tas-2.30 pm:

1) fil-fond 'Desiree', Triq il-Kukkanja, Santa Venera,b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuuqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna il-mewt ta' Joseph Pepe;

2) aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi huma bhala min ihaddem skond ma hemm definit fl-artikolu 2 ta' l-Att Dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol(Kap.424), u/jew fil-funzjoni ta' min ihaddem naqas milli, a) jaghmel dak kollu necessarju skond kif hemm stipulat f'Artikolu 6 ta' l-Att imsemmi sabiex izomm livelli tajbin ta' sahha u sigurtà ghall-haddiema tieghu u milli b) jaghmel l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li x-xoghol li kien ser isir seta' joffri kif hemm miktub f'regolamenti Nru. 6 u 10 tal-A.L. 36 ta' l-2003, Regolamenti ta' 2003 dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-xoghol.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Settembru, 2010 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17 u 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 2 u 6 tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 6 u 10 tal-Avviz Legali 36 tal-2003 sabet lill-imputat Carmel sive Raymond Micallef hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' hdax il-elf u sitt mitt Ewro (€11,600).

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ikkundannat lill-imputat Raymond Micallef sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elfejn mija u tleta u tmenin ewro u tlieta u tmenin ewro centezmi (€2183.83) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Ottubru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tillibera lil Carmel sive Raymond Micallef minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li tikkonferma l-htija billi tinfliggi piena aktar fil-minimu li tkun ekwa u gusta skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-provi imressqa mill-prosekuzzjoni ma jwasslux fil-grad rikjest mill-ligi ghall-htija tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponent. Illi di più, bl-akbar rispett, kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi fejn jidher mill-istess sentenza illi l-gudizzju tal- Ewwel Onorabbli Qorti gie influwenzat minn tali interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata.

**Preliminari:**

Ghalkemm l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-kawza odjerna huma miktubin fis-sens li l-ewwel hemm l-imputazzjoni ta' omicidju involontarju taht l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, imbaghad hemm l-imputazzjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-ligijiet dwar is-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol, mandanakollu ghall-ahjar kjarezza ta' hsieb l-esponenti sejjer jibda billi l-ewwel jaghmel referenza ghal certa interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi, specjalment ghar-rigward tad-definizzjoni ta' "min ihaddem", illi fl-umili fehma tieghu l-Ewwel Onorabbli Qorti poggiet f'perspettiva skorretta. Dan ser isir billi issir analizi tal-provi jew assenza tal-istess fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-ligi. Fit-tieni lok, sejjer juri kif legittimament u ragjonevolment l-esponenti ma kellux jinstab hati tal-imputazzjonijiet li taghhom gie dikjarat kolpevoli. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghaz-zewg aggravji, sejjer jaghmel sottomissjonijiet dwar piena.

**1) Interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi, specjalment ghar-rigward tad-definizzjoni ta' "min ihaddem"**

L-Ewwel Onorabbli Qorti, gustament, tat hafna importanza lir-relazzjoni guridika li kienet tezisti bejn l-esponenti u Elton Bowell u bejn dawn it-tnejn u l-mejjet Joseph Pepe sabiex tasal ghall-htija o meno taz-zewg imputati fil-kaz odjern, u sussegwentament ikkonkludiet illi kien l-esponenti Micallef il-persuna li kien qed ihaddem lil Pepe. Madanakollu, l-esponenti umilment jikkontendi bir-rispett illi l-fatti kif gew pruvati juru l-kuntrajru, u cioè, illi stante li bejn l-esponenti u Elton Bowell kien hemm

subcontracting, allura effettivament kien Elton Bowell dak li kien qed ihaddem lil Pepe.

**1.1) Ir-relazzjoni bejn Raymond Micallef u Elton Bowell**

L-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha irriteniet illi:
*"…mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi li r-relazzjoni guridika bejn l-imputat Raymond Micallef u l-imputat Elton Bowell kienet tali li Bowell kien jikkwalifika bhala il-lavrant ta'Micallef li kien l-employer. Il-Qorti ma jidrilhiex li jista' jitiqies li kien hemm xi forma ta' sub-contracting bejn Micallef u Bowell kif fil-fatt kien hemm bejn Central Asphalt Limited u Raymond Micallef fejn Central Asphalt Limited ghaddew ix-xoghol ta' twaqqigh kompletament f'idejn Raymond Micallef minghajr ma nvolvew ruhom ulterjorment fl-istess."*

Kien fuq dan ir-ragunament li l-Qorti ghaddiet biex tillibera lill-imputat Elton Bowell ghaliex qalet li Bowell kien ukoll haddiem ta' Micallef, u sabet hati lill-esponenti minflok. Però dan sar biss minhabba apprezzament zbaljat tal-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti li una volta gew applikati ghad-definizzjoni tat-terminu "min ihaddem" wasslu erronjament ghall-konkluzzjoni su riferita.

**1.1.a)** L-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet zewg affarijiet fir-rigward ta' din ir-relazzjoni u cioe:

a) Elton Bowell kien lavrant ta' l-esponenti
b) Ma dehrilihiex li kien hemm xi forma ta'sub-contracing bejn Micallef u Bowell.

**1.1.b)** L-esponenti ghall-kuntrarju ta' dan umilment jissottometti li:

a) Elton Bowell ma kienx mpjegat ta' l-esponenti izda kien impjegat ma' Central Asphalt Limited
b) Bejn Bowell u Micallef kien hemm efettivament sub-contracting u konsegwentament ir-rerlazzjoni bejn Bowell

u Pepe kienet wahda ta’ kuntratt ta’ servizz, i.e. *an employer – employee relation.*

L-esponenti sejjer l-ewwel jikritika z-zewg konkluzzjonijiet ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti, biex imbaghad jghaddi biex jiggustifika u jikkorrobora s-sottomissjonijiet tieghu a favur tal-ezistenza ta’ sub-contracting bejn iz-zewg imputati.

**1.1.a)** Il-konkluzzjonijiet tal-Ewwel Onorabbli Qorti:

L-Ewwel Onorabbli Qorti ssib komfort fil-konkluzzjonijiet taghha billi tghid li: x-xoghol kien qed isir bl-apparat li kien qed jipprovdi hu [l-esponenti]; li hu [l-esponenti] kien jaghti struzzjonijiet dwar x’kellu jsir; li kien imur fuq il-lant tax-xoghol fuq bazi regolari; li kien hu [l-esponenti] li kien ser ihallas lil Christoper Galea u lil Joseph Pepe; li Christopher Galea kien talab lil Micallef ghall-armar u mhux lil Bowell ghaliex kien l-istess Micallef li kien ser ihallsu u mhux Bowell; u li “Bowell kien jahdem bhala haddiem maghna”.

- Xoghol bl-apparat tal-esponenti

L-esponenti umilment jikkontendi illi l-fatt *per se* li wiehed juza l-apparat ta’ persuna ma jaghmilx mill-persuna li taghti (jew fil-kaz odjern tislef) dak l-apparat bhala dak li jhaddem lil min effettivament ikun qed juza’ dan l-apparat. Il-ligi stess, fl-artikolu 2 (a) tal-Kap 424 tipprovdi ghal din l-eventwalità u tghid li diretturi, managers etc. ma jikkwalifikawx bhala “min ihaddem” anke jekk jipprovdu ghodod, materjal jew taghmir iehor, sakemm tali taghmir jew ghodod ma jkollux xi difett. Is-semplici fatt li Bowell kien qed juza l-apparat ta’ Micallef ma jistax jwassal awtomatikament ghal konkluzzjoni li Bowell kien lavrant ta’ Micallef. Mhux talli hekk, talli l-ftehim li kien hemm bejn iz-zewg imputati ghar-rigward tal-apparat sahansitra jipprova il-kuntrarju. A fol 57 tal-process Bowell stess jixhed li hu kera il-kumpressur minghand l-esponenti:

*“Id-dandu [l-esponenti] mill-Lm400 li tani qalli biex naghtih LM25 tal-kumpressur. Fil-fatt qalli li qed jitlobni Lm25 ghax fi kliemu stess “qisek qed tikrieh minghandi”.”*

L-esponenti bir-rispett jissottometti illi zgur ma ghandux mill-buon sens li allegat lavrant tal-esponenti irid jikri l-ghodda minghand l-employer tieghu stess biex il-lavrant jaghmel xoghol ghall-employer tieghu stess. Ghaldaqstant, dan ir-ragunament fuq l-ghodda ma jista' qatt, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni, iwassal ghal xi tip ta' prova li Bowell kien l-lavrant tal-esponenti – anzi huwa prova cara tal-oppost.

- L-esponenti ta struzzjonijiet dwar x'kellu jsir u kien imur fuq il-lant tax-xoghol fuq bazi regolari

L-istruzzjonijiet li ta' Micallef lil Bowell kienu l-istess li dwarhom kien miftiehem l-esponenti ma' Central Asphalt Ltd. L-esponenti qali lil Bowell li hu kellu jaqta' tlett piedi tas-soqfa minn mal-hitan tal-appoggi. Dawn kienu l-istruzzjonijiet, xejn izjed u xejn aktar. Skond ix-xiehda stess ta'Christopher Galea li l-Ewwel Qorti taghmel referenza ghaliha, però kien Bowell li f'dik il-gurnata tal-incident kien mar fuq il-post darbtejn u kien jaghtihom l-istruzzjonijiet. L-Ewwel Qorti tikkwota lill-istess Galea ikompli jghid li Bowell kien jiehu struzzjonijiet minn fuq it-telephone minghand Raymond. B'kull dovut rispett, l-esponenti umilment jikkontendi li din tal-ahhar mhijiex prova ammissibli stante li Galea ma seta' qatt jisma' b'widnejh x'kien qed jinghand fuq in-naha l-ohra tal-linja u jekk verament kienx Micallef stess fuq in-naha l-ohra tal-linja – apparti l-fatt li Galea ma xehedx jekk kienx ikun qrib Bowell waqt dawn l-allegati telefonati. Dak li jrid jissemma minflok f'dan il-kuntest hu li kien Bowell stess li ta struzzjonijiet lil Galea:

*"…huwa kien qalli sabiex inkisser is-saqaf bil-jack hammer u naqta tlett piedi minn mal-hajt tan-nies imbaghad wara naqtghu ix-xibka bl-imqass....Waqt li kont qieghed fuq il-lant tax-xoghol jiena, Bowell kien qieghed jispjegali x-xoghol…. Raymond gie fuq il-lant tax-xoghol u ma qalilna xejn fuq kif konna qieghdin nahdmu."*

Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghal premess, l-esponenti madanakollu kellu dritt li jaghmel dawn l-

istruzzjonijiet, stante li huma legittimi u huwa normali, jekk mhux essenzjali, li meta jkun hemm sub-contracting, is-sub-contractor ikun jaf x'inhu mistenni li jsir minnu. Tali struzzjonijiet jistghu jsiru bil-miktub jew bil-fomm. Fil-kaz odjern ma ngabitx prova ta' xi kuntratt ta' xi kuntratt bil-miktub ta' subcontracting bejn Bowell u Micallef, u dan ma hux kontestat mill-esponenti. Madanakollu, l-esponenti umilment jikkontendi li l-ligi ma tirrikjedix li tali kuntratt irid isir bil-miktub biex ikun effettiv. Il-ligi stess ma titlobx li ftehim ta' appalt irid ikun bil-miktub biex jghodd. Mhux hekk biss, talli kienet l-Ewwel Onorabbli Qorti stess li minkejja l-assenza ta' kuntratt bil-miktub bejn Central Asphalt Limited u Micallef din xorta wahda ikkonkludiet illi bejn dawn it-tnejn xorta wahda kien hemm sub-contracting.

L-Ewwel Onorabbli Qorti ssemmi wkoll il-fatt li l-esponenti kien imur fuq il-lant tax-xoghol fuq bazi regolari. L-esponenti ghal darba ohra umilment jtenni illi dan il-fattur ma jistax ifisser illi allura Bowell kien il-lavrant ta' Micallef. Mhijiex haga straordinajra, specjalment meta si tratta ta'xoghol ta' kostruzzjoni u bini li kuntratturi u sub-kuntratturi jmmorru fuq il-post fejn ikun qed isir xoghol. Dan ma jfissirx illi allura tinholoq relazzjoni ta' haddiem u min ihaddem. Dan generalment isir ghas-semplici raguni li l-kuntratturi, anke jekk ikunu gew imqabbda sub-kuntratturi bex jaghmlu x-xoghol rikjest, xorta wahda ghandhom interess li jsir ix-xoghol u jsir skond kif irid is-sid jew id-direttur skond il-kaz. Dan apparti l-fatt li f'sitwazzjonijiet simili ghal dawn ikun hemm ta' sikwit il-kwistjoni ta' deadlines li jekk ma jigux osservati mis-sub-kuntratturi, dan ikun ifisser inkwiet kbir ghall-kuntrattur li jkun responsabbli ghat-twettiq tax-xoghol skond il-kuntratt mas-sid. L-esponenti kien dahal f'kuntratt ma' Central Asphalt Limited u ghalkemm huwa rega' *a sua volta* dahal f'kuntratt iehor ma' Bowell, xorta wahda jekk Bowell ma kienx ser ilesti x-xoghol, l-esponenti ried jara x'ser jghid lil Central Asphal Limited. Barra minn hekk wiehed ma jridx jinsa li l-esponenti kien kera l-kumpressur lil Bowell u kien l-esponenti bhala sid il-kumpressur li kien imur jimla bid-diesel l-istess kumpressur. Fl-ahhar lok, l-Onorabbli Qorti tkelmet fuq il-frekwenza u qalet li dan kien isir "fuq bazi

regolari”. L-esponenti umilment jikkontendi li minn mkien ma tirrizulta din il-frekwenza. Kemm Christopher Galea kif ukoll Mario Schiavone qalu li kienu bdew jahdmu fuq il-post in kwistjoni il-gurnata ta’ qabel l-incident. Mario Schiavone hadem biss nhar il-25 ta’ Settembru 2003 u Christopher Galea hadem fil-25 ta’ Settembru 2003 u fil-gurnata tas-26 ta’ Settembru meta sar l-incident. Minn jumejn biss ma tistax tigi ppruvata l-frekwenza jew kemm-il darba mar fuq il-post in kwistjoni.

- L-esponenti kien ser ihallas lil Christopher Galea u lil Joseph Pepe

L-esponenti fl-ewwel lok, umilment jikkontendi illi l-fattur ta’ min ser ihallas lil min, ghalkemm generalment jista’ jimplika hafna fuq in-natura tar-relazzjonijiet in kwistjoni, madanakollu fil-kaz odjern xorta wahda ma jwassalx biex jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li Joseph Pepe kien il-lavrant ta’ l-esponenti ghaliex prova valida li kien l-esponenti dak li ser ihallas lil Galea u Pepe ma ngabitx.

L-esponenti jibda billi, bir-rispett jissotometti illi ma jistax jifhem kif il-Qorti legittimament u ragjonevolment waslet ghal konkluzzjoni li l-esponenti kien ser ihallas lil Galea u Pepe. Huwa principju stabbilit li anke l-istess Onorabbli Qorti enfasizzat li dak li jintqal minn ko-imputat ma jaghmilx prova kontra jew avur il-ko-imputat l-iehor. Ergo, dak kollu li qal il-ko-imputat Bowell ma jaghmilx prova fir-rigward tal-esponenti Micallef. Jibqa’ ghalhekk biss ix-xiehda ta’ Mario Schiavone u Joseph Galea. Mario Schiavone jaghmilha cara li ma kienx Micallef li ser ihallsu anzi jghid a fol 69 tal-process li kien Christopher li kien ser ihallsu:

*“Kien Christ li kellu jhallasni tax-xoghol. Lili Christ qalli li jek nghinu naqsmu l-Lm150”*

Joseph Galea fl-istadju tal-inkjesta dakinhar stess tal-incident ma jsemmi xejn fuq il-hlas. Però jghid ghal darba darbtejn illi kien Bowell li qabbdu biex jaghmel ix-xoghol in kwistjoni:

*"It-tnejn li ghadda certu ragel imlaqqam Bowell qalli illi kien hemm bicca xoghol li kellna naghmlu fuq sit f'Santa Venera. Dan Bowell spjegalna x-xoghol u cioè lili u lil Joe u fil-fatt ahna morna hemmhekk."* (fol 48)

*"Jien mort fuq il-post tax-xoghol wara li kien offrili x-xoghol Bowell*". (fol 68)

Huwa minnu li fix-xiehda tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti Christopher Galea jghid li:

*"Hu [Raymond Micallef] kien il-kuntrattur u kien il-persuna li kienet ser thallasni tax-xoghol li kont qed naghmel"*

Madanakollu, fl-ebda mument fix-xhieda tieghu ma jghid li hu effettivament thallas mill-esponenti, anzi Bowell stess jghid li hu kellu jaghti Lm150 lil Christian Galea, u Mario Schiavone jikkorrobora dan billi jghid li jekk jghin lil Galea, Schiavone kien ser jaqsam il-Lm150 mieghu. Apparti minn hekk, fix-xiehda tieghu tal-31 ta' Mejju 2007 a fol 152 tal-process, Galea jerga jikkonferma li "*Kien gie Elton Bowell u cioè l-imputat li qed naghrfu fl-awla u kien qalli li hemm bicca xoghol sabiex immur naghmilha*". Ir-relazzjoni ta' Galea u anke ta' Pepe kienet koncernata biss ma' Bowell.

Fl-ahhar lok, a fol 60 tal-process tidher bic-car li kien Bowell responsabbli ghall-hlas tan-nies li qabbad Bowell stess. Micallef jixhed li Bowell kien inkwetat li ma sabx nies li riedu jahdmu u li kien inkwetat li mhux ser jibqaghlu qliegh.

"*Bowell kien qalli jekk kienx ser jibqaghlu qliegh peress illi kien digà ta Lm180 lil zewg persuni ohra"*

Din il-preokkupazzjoni ta' Bowell tikkonferma bl-aktar mod car li Micallef ma kellu x'jaqsam xejn man-nies l-ohra li Bowell inkariga biex jahdmu ghalih [ghall-Bowell]. Li kieku kien veru li Bowell kien lavrant ta' Micallef u l-ohrajn kienu lavranti ta' Micallef ukoll, allura lanqas qatt kella tahbat ma' mohh Bowell li jinkwieta li mhux ser jibqaghlu qliegh. Jekk kulhadd kien lavrant ta' Micallef, allura kull lavrant kien jiehu dak li haqqu minghand Micallef minghajr ma

jinkwetaw jekk kienx ser jibqalhom qliegh ghax mill-hlas taghhom personali ma kellhom bzonn ihallsu lil hadd jekk kienu kollha fl-istess ilma, i.e. impjegati tal-esponenti.

- Christopher Galea kien talab lil Micallef ghall-armar u mhux lil Bowell ghaliex kien l-istess Micallef li kien ser ihallsu u mhux Bowell.

Rigward il-hlas, dan il-punt gie trattat fit-taqsima precedenti u ghalhekk l-esponenti umilment jaghmel referenza ghal dak suespost. Ghar-rigward tal-armar, l-esponenti umilment jikkontendi li fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il quddiem fl-appell odjern ghar-rigward tal-ghodda jghodd ghal hawn ukoll. Bowell stess ma kellux ghodda tieghu stess, u in fatti huwa kera l-ghodda minghand l-esponenti. Ghalhekk, bir-rispett, Galea u Pepe ma talbux l-ghodda lil Bowell ghas-semplici raguni li dan Bowell ma kellux ghodda u kien qed jikri l-istess minghand l-esponenti. Konsegwentament stante li Bowell stess kien kera l-istess ghodda minghand l-esponenti, Galea u Pepe ma kellhomx alternattivi ohra hlief li jew jitlobu lil l-esponeti ghall-ghodda jew imorru ghand terzi persuni ghal dan il-ghan.

- "Bowell kien jahdem bhala haddiem maghna"

Christopher Galea qal din il-frazi fl-istadju tal-inkjesta fil-gurnata stess tal-incident. Madanakollu, l-esponenti umilment jissottometti illi din il-frazi ma tistax tigi kkunsidrata *in a vacuum* izda wiehed irid l-ewwel u qabel kollox jara l-kuntest li fih tali frazi ntqalet. Hawnhekk Galea ried ifisser illi Bowell ukoll kien medd idejh ghax-xoghol u mhux jaghti struzzjonijiet biss. B'daqshekk però ma jfissirx li dan awtomatikament jaghmel minnu lavrant ta' l-esponenti u fuq ir-ragunament li Bowell huwa lavrant ta' Micallef allura kull min gie wara Bowell huwa awtomatikament lavrant ta' Micallef. L-esponenti umilment jikkontendi bir-rispett, illi ma fiha xejn ta' barra minn din id-dinja li l-employer jaghmel l-istess xoghol bhal l-employee/lavrant. Anzi xi kultant jista' wkoll jaghti l-lok li l-employer kemm kemm ma jahdimx iktar mill-lavrant tieghu stess stante li min ihaddem ikollu iktar interess fix-xoghol tieghu stess. Sitwazzjoni simili tista' tkun ta' bennej self-

employed li xhin jara li ghandu domanda kbira ta' xoghol jaqbad u jimpjega haddiem iehor mieghu. Il-mument li dan il-bennej jimpjega bniedem iehor mieghu ma jfissirx li allura mhux ser jahdem iktar izda sempliciment illi x-xoghol isir bejn tnejn, u il-bennej (l-employer) xorta wahda jibqa' jmur fuq il-post tax-xoghol u jaghmel xoghol bhal lavrant tieghu.

Fl-ahhar lok, bir-rispett wiehed irid jaqra din il-frazi fid-dawl ta' dak kollu li gie kkwotat iktar 'il quddiem fejn kien Bowell effettivament li mar fuq Pepe u Joseph Galea biex dawn tal-ahhar imorru jahdmu fuq is-sit in kwistjoni, u dawn tal-ahhar kellhom x'jaqsmu ma' Bowell u ma' hadd iktar.

**1.1.b)** Is-Sottomissjonijiet ta' l-esponenti

L-esponenti umilment jikkontendi illi r-relazzjoni li kien hemm bejnu u bejn Bowell kienet dik ta' subcontracting u dan jidher car minn analizi ta' kif graw l-affarijiet. L-esponenti f'dan l-istadju sejjer jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu billi l-ewwel jidhol fid-definizzjoni ta' sub-contracting biex imbaghad jghaddi biex japplika l-fatti kif gew pruvati ghad-definizjoni sabiex juri li r-relazzjoni bejn iz-zewg ko-imputati kienet fil-fatt dik ta' sub-contracting u li l-Ewwel Onorabbli ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni skorretta tal-ligi. Sussegwentament, una volta stabbilit dan, l-esponenti sejjer janalizza r-relazzjoni bejn Bowell u Pepe.

- Definizzjoni ta' sub-contracting

Il-*Merriem-Webster's Dictionary of Law* jghid li subcontractor huwa:

*"one that contracts to perform part or all of the obligations of another's contract"*

- Relazzjoni bejn Micallef u Bowell

Fl-ewwel lok, l-esponenti umilment jissottometti illi mill-atti ma hux kontestat illi Bowell kien impjegat ma' Central

Asphalt Limited. Dan però ha gimgha sick leave sabiex imur jaghmel dan ix-xoghol fuq is-sit f'Santa Venera. Mela li hu zgur huwa li Bowell kien lavrant ta' Central Asphalt Ltd, u meta mar jaghmel x-xoghol ta' demolizzjoni fuq il-fond Desiree huwa mar bhala bniedem ghal rasu li xtaq jaqla lira zejda u dahal ghal din il-bicca ta' xoghol. Mela intrabat biex jaghmel parti mill-obligazzjonijiet li Micallef kien intrabat bihom ma' Central Asphalt Limited taht sub-contracting. i.e. dahal f'subcontract ma' Micallef. Micallef kif xehed kemm fl-inkjesta immedjatament wara l-incident kien jahdem ghal rasu u hu qabad u ta Lm400 (neqsin Lm25 ghal kera tal-kumpressur) lil Bowell li da parti tieghu dan Bowell obbliga ruhu li jaghmel x-xoghol. Tant hu veru li hu effettivament dahal f'din l-obbligazzjoni kuntrattwali li una volta, wara li dan ghamel ftit xoghol hu stess, dan qata' qalbu, Bowell ma qabadx u qal lil Micallef illi ma jridx jahdem izjed, u jhallsu biss ta' dak li lahaq ghamel u jsib lill-haddiehor. Minflok, stante dan is-subcontacting, Bowell qabad u qabbad minn jeddu nies ohra sabiex ilestu dan ix-xoghol.

Fit-tieni lok, bir-rispett, jekk biedem huwa impjegat ma' persuna ohra, allura jsegwi li jrid ikun hemm ir-registrazzjoni necessarja ma' l-ETC skond ir-regolamenti relattivi.

Madanakollu, prova ta' din ir-registrazzjoni da parti tal-prosekuzzjoni ma ttellghetx. L-ahjar prova li allegatament setghet turi li Bowell kien lavrant ta' Micallef hija inezistenti.
Fl-ahhar nett, indikazzjoni ben cara li r-relazzjoni bejn Micallef u Bowell hija dik ta'subcontracting hija dik tal-kera tal-kumpressur. Micallef kera l-kumpressur lil Bowell ghall-prezz ta' Lm25. Ma ghandux mill-buon sens li lavrant waqt li jaghmel xoghol ghall-imghallem tieghu ikollu jikri u jhallas talli juza l-istess ghodda tal-imghallem! Meta bniedem huwa mpjegat ma' xi hadd, dan juza l-ghodda kollha necessarji li jipprovdilu l-imghallem u juzhom minghajr ebda hlas ghaliex ikun qed jaghmel xoghol ghall-imghallem stess.

- Relazzjoni bejn Bowell u Pepe, Galea u Schiavone.

F’dan ir-rigward, il-kliem stess tal-istess Galea u Bowell (li hawnhekk dak li jghid fil-konfront ta’ dawn it-tlieta huwa ammissibli stante li mhumiex imputati) jixhtu dawl car fuq it-tip ta’ relazzjoni li kienet tezisti. Apaprti minn hekk hemm ukoll dak li jixhed l-istess esponenti.
L-esponenti tant kien konvint mill-fatt illi huwa ma kienx l-imghallem ta’ Pepe, Galea jew Schiavone li fl-inkjesta stess jghid b’mod univoku:

“*Jien lil dan Elton qabbadt sabiex iwaqqa d-dar u hadd izjed*”
*“Biex intihom ilbies protettiv iridu jkunu n-nies tieghi”*
*“Jiena ma tajtomx ilbies ghax ma jahdmux mieghi…”*

Galea minn naha tieghu wkoll jixhed bi kliemu illi hu kellu x’jaqsam effettivament ma’ Bowell u mhux ma’ l-esponenti. Jibda billi jghid a fol 48 illi:

*“It-Tnejn li ghadda kien hemm certu ragel imlaqqam il-Bowel li qalli illi kien hemm bicca xoghol li kellna naghmlu fuq sit f’St.Venera. Dan Bowell spjegalna x-xoghol…”*

*“Meta jiena mort fuq il-post tax-xoghol, wara li kien offrili x-xoghol Bowell…”*

*“Kien gie Elton Bowell u cioè l-imputat…u kien qalli li hemm bicca xoghol sabiex immur naghmilha.”*

Ghall-kompletezza, huwa minnu wkoll illi Galea fix-xiehda tieghu fil-31 ta’ Mejju 2007, qal li l-esponenti kien il-kuntrattur u li kien l-esponenti li ser ihallsu. Però wiehed hawnhekk ma jistax ma jikkumentax, bir-rispett, fuq il-kwistjoni tal-kredibilità o meno ta’ dan ix-xhud dwar dan. Fix-xiehda tieghu fl-inkjesta kif digà gie ritenut iktar ‘il fuq f’dan ir-rikors ta’ appell,din il-kwistjoni tal-hlas ma tissemmiex minn Galea. Apparti minn hekk jekk wiehed jara wkoll il-kontro-ezami li sarlu mill-avukat difensur tal-esponenti, tohrog ukoll bic-car il-hbiberija li tezisti bejn l-imputat Bowell u x-xhud, b’mod li wiehed ma jistax ma jiddubitax jekk effetivament huwiex minnu li l-esponenti kien il-kuntrattur u Bowell u l-ohrajn il-haddiema. Dan

tenut ukoll tal-fatt li dina d-dikjarazzjoni ma hijiex korroborata mill-fatti anzi l-fatti, kif gie spjegat, juru l-kuntrarju.

Mix-xiehda ta' Bowell fl-inkjesta wkoll jidher bic-car li r-relazzjoni ta' bejn l-esponenti u hu kienet wahda ta' sub-contracting u li kien Bowell li mpjega lil Pepe mieghu. A fol 57 Bowell jiddikjara illi:

*"Lil Pepe u li Christopher jiena kont ghidtilhom sabiex jibdew jahdmu fuq il-lant tax-xoghol".*

U a fol 66 jerga' jiddikjara;

*"Joe Pepe beda jahdem illum peress li Mario kellu l-hsarat fit-trakk. Pepe jien sibtu. Pepe peress illi jigi l-kunjatu ta' hija gibtu fuq il-post biex jahdem flok Mario".*

Dan kollu ma jista' qatt ifisser b'xi mod mill-aktar remot li Pepe kien lavrant ta' l-esponenti. Bowell, li kien subkuntrattur fil-konfront tal-esponenti, iddecieda illi jimpjega lil haddiehor mieghu sabiex dan (Pepe) flimkien ma' Galea ilestu x-xoghol li Bowell stess kien obbliga ruhu li jlesti. Li kieku Bowell kien lavrant ta' l-esponenti, Bowell ma seta' qatt, una volta li qata' qalbu mix-xoghol, imur ifittex haddiema ohra minn jeddu sabiex dawn jaghmlu ix-xoghol minfloku bil-konsegwenza li l-esponenti ikollu jhallas paga lilhom wkoll. U mhux hekk biss, talli dan kollu jaqbad u jaghmlu wahdu minghajr ma jkun l-esponenti innifsu illi jinkariga lil persuni l-ohra biex jaghmlu x-xoghol.

**2) Kif legittimament u ragjonevolment l-esponenti ma kellux jinstab hati tal-imputazzjonijiet li taghhom gie dikjarat kolpevoli.**

**2.1)** Bhala "min ihaddem" naqas milli josserva l-artikolu 6 tal-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 6 u 10 tal-A.L. 36 tal-2003.

L-esponenti umilment jikkontendi illi fid-dawl tas-sottomissjonijiet taht l-ewwel aggravju fejn gie sottomess bir-rispett illi l-esponenti ma jikkwalifikax bhala "min

ihaddem" skond kif hemm definit fl-artikolu 2 tal-Kap 424, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni skorretta tal-ligi b'dan li kellha influenza ghas-sejbien ta' htija fil-kofront tal-espoenti. L-esponenti wera b'mod car u sal grad minnu rikjest fil-kamp penali li huwa ma kienx l-imghallem ta' Pepe skond kif definit fl-artikolu 2 stante li bejn l-esponenti u Bowell kien hemm subcontracting, u ghaldaqstant kien Bowell li kien jikkwalifika bhala min ihaddem fil-konfront ta' Pepe skond ma hemm definit fl-artikolu 2 Kap 424. Konsegwentament huwa ma jistax jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Bir-rispett, l-esponenti umilment jikkontendi illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet ezercizzju zbaljat meta ezonerat lil Bowell minn kull responsabbilità u konsegwentament tefghet il-htija kollha fuq l-esponenti. L-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ewwel parti tas-sentenza taghmilha cara illi hi ma tahsibx illi kien hemm xi relazzjoni ta' subcontracting bejn l-esponenti u Bowell tuza kliem bhal:

*"L-imputat Raymond Micallef …dejjem prova jaghti l-impressjoni li huwa kien tax-xoghol lil Bowell…"*

Izjed 'il quddiem tghid:

*"Il-Qorti ma jidhriliex li jsta' jitqies li kien hemm xi forma ta' subcontracting bejn Micallef u Bowell…"*

L-esponenti jibda' billi b'kull dovut rispett jigbed l-attenzjoni ghall-fatt illi hija ma setghetx tasal ghall-htija tal-esponenti billi tibbaza ruhha fuq konvinciment li jwassal biss sal-grad tal-probabli bhal ma turi ben cara il-kelma "ma jidhriliex" fis-sentenza. Dan meta huwa principju sacro sant fil-kamp penali li hija kienet tenuta mil-ligi illi tasal ghal grad ferm oghla ta' konvinciment morali f'kull aspett li seta' jwassalha ghal htija jew xi forma ta' konkluzzjoni.

Fit-tieni lok, l-Ewwel Onorabbli Qorti donnha ma riditx temmen lill-esponenti li hu effettivament kien ta x-xoghol lil Bowell taht subcontracting u konsegwentament kkonkludiet li ma kienx hemm subcontracting u

ghaldaqstant, l-esponenti kellu jkun dak li kien qed ihaddem lil Pepe. Madanakollu, ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti, kif jidher mis-sentenza, ma emmnitx lill-esponenti, dan ma jfissirx awtomatikament li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha. L-esponenti ma hux tenut jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-prosekuzzjoni li tird tipprova il-kaz taghha u trid tipprova dan minghajr dubju dettat mir-raguni biex l-esponenti ikun jista' leggittimament u ragjonevolment jinstab hati. Fil-kaz odjern kienet il-prosekuzzjoni li kellha tipprova li l-esponenti kien il-persuna li tikkwalifika bhal "min ihaddem" taht il-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ma giex pruvat skond il-grad rikjest mill-ligi u nstabet htija fl-esponenti minhabba interpretazzjoni skorretta tal-ligi fid-dawl tal-provi.

Fit-tielet lok, bir-rispett, una volta l-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li ma temminx li kien hemm sub-contracting bejn l-esponenti u Bowell, din bdiet ezercizzju fejn bdiet tara l-fatti u tqassqas l-provi fid-dawl ta' dan il-konvinciment taghha bir-rizultat li una volta Bowell hareg mill-kwadru, ghaliex skond hi kien lavrant ta' l-esponenti, allura kien awtomatiku li l-esponenti kellu jkun dak li jikkwalifika bhala "min ihaddem". Dan wassal biex l-esponenti instab hati taz-zewg imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u Bowell gie liberat minn kollox.

Madanakollu, l-esponenti jerga' umilment itenni illi apparti illi hu ddikjara fid-darbtejn li hu xehed, li hu kien ta x-xoghol lil Bowell taht sub-contracting, l-prosekuzzjoni minn naha ma rnexxiliex tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni li Bowell kien lavrant ta' Micallef. Mhux talli hekk talli din it-tezi tal-prosekuzzjoni ftit li xejn issib komfort fix-xiehda li nstemghu fil-process, anzi, l-istess xhieda pjuttost jikkorroboraw it-tezi tal-esponenti li kien hemm effettivament subcontracting bejn Micallef u Bowell.

**2.2)** B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna l-mewt ta' Joseph Pepe.

Ghal darb'ohra fil-konfront ta' din l-akkuza l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-esponenti huwa responsabbli ta' dan ir-reat ghaliex l-ko-imputat l-iehor Bowell una volta klassifikat bhala lavrant gie mehlus minn kull reponsabbilità. A skans ta' ripetizzjoni, l-esponenti jerga' jaghmel referenza ghas-sottomissjonijiet tieghu dwar il-fatt illi Pepe ma kienx lavrant ta' l-esponenti. Madanakollu, minghajr pregudizzju ghal dan kollu, l-esponenti xorta wahda sejjer janalizza din l-imputazzjoni u juri kif ma tezisti l-ebda raguni legittima u valida il-ghaliex l-esponenti kellu jisntab hati ta' din l-imputazzjoni wkoll.

L-Ewwel Onorabbli Qorti semmiet diversi punti li hadet in konsiderazzjoni biex waslet ghal htija taht l-artikolu 225 tal-Kap 9. L-esponenti sejjer ghalhekk isemmiehom u jitkellem fil-qosor dwarhom sabiex juri li effettivament ma kellux jinstab hati ta' dan ir-reat.

- Halla x-xoghol f'idejn Bowell meta kien jaf li dan ma kienx tas-sengha

Mhuwiex kontestat li Bowell kien driver ma' Central Asphalt Ltd, madanakollu huwa difficli kif wiehed jista' jasal ghall-konvinciment minghajr dubju dettat mir-raguni li effettivament l-esponenti ta x-xoghol lil xi hadd li ma kienx ta' sengha. L-esponenti stess a fol 71 fl-inkjesta jixhed li:

*"Bowell gieli hadem bil-jack hammer. Dan qaluli hu stess kif qalli wkoll li qatta' fil-Park Towers. Qalli wkoll illi kien bidel xi soqfa Hal-Qormi."*

- Beda x-xoghol ta' twaqqigh minghajr ma esiga l-involviment ta' perit

Il-kontro-ezami li sar lil Joseph Cauchi fit-22 ta' Novembru 2007 juri li ma tista' tigi attribjuta l-ebda negligenza jew nuqqas ta' hsieb lill-esponenti minhabba dan il-fatt. Cauchi stess jixhed kif Claudio Pace kien assigurah li l-perit tieghu kien avzah u li kien tah il-go-ahead biex jibdew ix-xogholijiet. Ikompli jghid ukoll:

*“Lil dan Raymond Micallef kont ghidtlu ma’ l-perit all-right, tana l-go-ahead tista’ tibda x-xoghol u hu beda x-xoghol.”*

- Nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni

Il-Perit Valerio Schembri fir-rapport tieghu jikkonkludi li t-tqattiegh tat-tromba tat-tarag kien qed isir taht id-direzzjoni ta’ Raymond Micallef liema direzzjonijiet kienu kontra dak li titlob l-arti u s-sengha. Hawnhekk, l-esponenti ma jaqbilx mall-fatt illi x-xoghol kien qed sir taht id-direzzjoni tieghu stess u dan ghas-semplici raguni li l-esponenti kien ta’ x-xoghol lil Bowell u kien Bowell li kien qed jaghti d-direzzjonijiet lil Pepe u Galea. F’dan l-istadju l-esponent jaghmel referenza wkoll ghal dak li kkwota iktar ‘il fuq ghar-rigward tal-istruzzjonijiet li kien ta Bowell lil Pepe u Galea. Mill-atti jidher li Micallef mar fuq il-post xi hin qabel ma gara l-incident, però xorta wahda kien Bowell li kien qed jiehu hsieb li jsir ix-xoghol.
Apparti minn hekk, jidher ukoll mill-istess rapport tal-perit li l-kawza tal-incident iddur mat-turretta tat-tarag. Ghaldaqstant, anke jekk wiehed kellu jaccetta l-kwsitjoni tax-xibka li Micallef qal li din kienet doppja, xorta wahda din l-osservazzjoni tieghu ma kienetx il-kawza diretta li wasslet ghall-kollas ghaliex ghar-rigward tat-turretta, Galea stess jixhed a fol 68 li Micallef qallhom biex ma jmissuhiex:

*“Ix-xibka tat-turretta Raymond qalilna biex ma nmissuhiex”.*

Fl-ahhar lok, l-esponenti umilment jikkontendi illi apparti il-fatt illi ma hemmx kawzalità bejn l-azzjoni tal-esponenti u l-incident, xorta wahda jibqa’ l-fatt illi ma giex pruvat sal grad rikjest mill-ligi illi kien l-esponenti huwa l-bniedem responsabbli mill-incident u dan minhabba il-kliem stess tal-espert tekniku li jghid:

*“L-incident aktarx gara meta kien qed isir it-twaqqigh…Aktarx illi s-saqaf f’dan il-punt…. Din l-istess fetha ma jidhirx li kienet….”*

Tali kliem ma jista’ qatt iwassal ghal grad ta’ prova minghajr dubju dettat mir-raguni, u konsegwentament tali dubju ghandu dejjem imur favur l-imputat.

- Bowell u Galea talbu l-ghodda lill-esponenti però dan qallhom li ma kienx hemm bzonnhom.Dan il-punt irid jigi ikkunsidrat fid-dawl tas-sottomissjonijiet precedenti li Bowell u Galea ma kienux il-lavranti tal-esponenti. Bowell, stante li ma kellux ghodda kellu jikri l-istess minghand Micallef u dan jispjega l-fatt il-ghaliex huma talbu l-ghodda minghand l-esponenti. Madanakollu, stante li huma ma kienux lavranti tieghu hu ma kienx tenut li jipprovdiehom bl-istess. Jista’ wiehed forsi jargumenta li xorta wahda però Micallef sgwidhom meta qallhom li ma kienx hemmx bzonnhom. Izda hawnhekk jidhol il-fattur l-iehor tan-negligenza kontributorja, fattur li l-Qorti abbracjat u li hadet in konsiderazzjoni meta waslet ghall-piena. L-esponenti f’dan l-istadju umilment jikkontendi illi jekk kemm Bowell kif ukoll Galea hasbu li kien hemm bzonn ta’ xi armar u Micallef ma tahulhomx, allura stante li fl-opinjoni taghhom kien hemm bzonnu dan l-armar, huma kellhom dmir li jieqfu mix-xoghol sakemm isibu armar minn x’imkien iehor u tali nuqqas da parti taghhom jammonta ghall-negligenza da parti taghhom wkoll.

L-ahhar punt li l-esponenti irid jitratta fir-rigward ta’ din l-akkuza hija l-kwistjoni tal-*culpa grossolana* ta’ Joseph Pepe. L-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi kien hemm negligenza kontributorja da parti ta’ Pepe meta dan xorta wahda baqa’ ghaddej bix-xoghol nonstante l-perikolu. L-esponenti umilment jikkontendi illi l-agir ta’ Pepe ghandu jitqies bhala *culpa grossolana.* Galea stess jixhed f’iktar minn dabra li hu kien qal lil Pepe biex ma jkomplux ghaliex is-saqaf kien imbewwaq. L-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet li kien hemm biss negligenza kontributorja minhabba l-fatt li Micallef kien assigurhom li x-xibka kienet doppja. Madanakollu, l-esponenti umilment jikkontendi bir-rispett, illi ghandu aktar mill-buon sens illi ghalkemm tkun rassikurat bil-kliem minn xi hadd, una volta tibda tara b’ghajnejk li dak li ntqal lilek ma jaqbilx ma’ dak li effettivament qed jigri allura xorta wahda ghandek tiehu

hsieb li twarrab mill-perikolu, li minn kliem Galea kien wiehed car u evidenti fl-istadju ta' ftit qabel l-incident.

**3) Piena aktar fil-minimu**

L-esponenti umilment jissottometti illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji suesposti, f'kaz ta' sejbien ta' htija, tenut kont tal-fatti kolha kif graw kif ukoll tal-fatt illi l-vittma stess bl-agir tieghu kkontribwixxa ghall-incident in kwistjoni, il-piena u cioè l-multa inflitta fuq l-esponenti ghandha tkun fil-minimu u mhux fil-massimu taghha.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru, 2003 Joseph Pepe u Cristopher Galea kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta' demoluzzjoni fil-fond bl-isem ta' "Desire" Triq il-Kukkanja, Santa Venera. Dan il-font kien jappartieni lis-socjeta Desire Limited li d-diretturi taghha kienu Claudio Pace u Emanuel Fenech u dawn it-tnejn inkarigaw lil Perit Edwin Mintoff bil-porogett. Ix-xoghol tat-twaqqieh u kostruzzjoni kien kopert bil-permess mahrug mill-Awtorita dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat sebgha u ghoxrin (25) ta' Gunju, 2003 (permess numur 5310/02). Is-socjeta Desire Limited kienet inkarigat lil Central Asphalt Limited sabiex tesegwixxi x-xoghol ta' twaqqieh u skavar, din minn nahha taghha nkarigat lill-appellant Raymond Micallef bhala subcontractor bl-inkarigu li jwaqqa u jiddemolixxi l-bini ezistenti sabiex imbaghad Central Asphalt Limited tkun tista tkompli bix-xoghol ta' l-iskavar. Ma jidhirx illi l-appellant Raymond Micallef gie moghti xi struzzjonijiet partikulari mis-socjeta Central Asphalt Limited ta' kif kellu jwettaq ix-xoghol ta' demoluzzjoni, pero' l-appellant beda jesegwixxi x-xoghol u wara ftit qabbad lil Elton Bowell sabiex jghinu biex iqatta tliet (3) piedi mis-soqfa minn mal-hitan ta' l-appoggi.

Mill-provi jirrizulta illi Bowell qata' qalbu minn dan ix-xoghol u sab li Christopher Galea, Mario Schiavone u lil Joseph Pepe sabiex ikomplu jaghmlu dan ix-xoghol. Dawn it-tlieta (3) gew imressqa lill-appellant li accetta s-

servizzi taghhom. Jidher li l-hlas kien ser isir mill-appellant lil Bowell biex imbaghad dan ta' l-ahhar ihallas it-tlieta (3) l-ohra. Dan ifisser quindi illi l-appellant qabbad lil Bowell bhala haddiem sabiex jaghmel bicca xoghol partikulari izda baqa' hu responsabli mix-xoghol, kien se jhallsu hu u baqa' involut hu fis-sens li x-xoghol kien ser isir taht id-direzzjoni tieghu u bl-apparat li kien se jipprovdi hu. Kien hu li jaghti struzzjonijiet dwar x'kellu jsir u kien fil-fatt imur fuq il-lant tax-xoghol fuq bazi regolari sabiex jaghti dawn l-istruzzjonijiet. Din il-Qorti tifhem illi ma taghmilx differenza jekk l-appellant keriex jew le l-jackhammer jew makkinarju iehor sabiex jitwaqqa l-bini. Hu bensaput illi f'dan il-mistier hafna mill-makkinarju u apparat tqil illi jintuza ghal dan ix-xoghol jinkera mill-kuntratturi u ghalhekk ma hemm xejn stramb illi l-appellant kera jackhammer sabiex jesegwixxi dan ix-xoghol. Hu x'inhu, x-xoghol beda jigi esegwit u l-bini beda jitwaqqa u wasal fis-saqaf tat-tromba fejn Galea u Pepe kienu gibdu l-attenzjoni ta' l-appellant illi s-saqaf kien qed jitbewwaq. L-appellant minn nahha tieghu qal li ma jimpurtax peress illi s-saqaf kellu x-xibka doppja, fil-fatt irrizulta li s-saqaf ma kellux xibka doppja izda xibka wahda biss. Imsahha fuq l-assigurazzjoni illi tahom l-appellant, Galea u Pepe komplew bix-xoghol taghhom. Galea allontana ruhu ghal xi ftit sabiex jixtri xi xorb ghat-tnejn li huma u meta rritorna sehh l-incident. Il-kawza prossima ta' dan kien ix-xoghol tat-twaqqieh illi kien qed isir billi inqalghu partijiet minn tal-gnub ta' fejn dan il-fond kellu jappogga ma terzi, dana ceda u Joseph Pepe instab mirdum f'dik il-parti tad-dar fejn kien hemm it-tromba tat-tarag.

Ikkunsidrat.

Fl-istadju ta' l-Inkjesta gie nnominat il-Perit Valerio Schembri sabiex jaccedi fuq il-post u jaghmel pjanta u jirrelata dwar dan l-incident, dan il-Perit gie kkonfermat mil-Qorti Istruttorja, ghalhekk ir-relazzjoni tieghu taghmel parti minn dan il-process u l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-konkluzjonijiet tieghu biex issahhah l-argumenti taghha. L-istess se taghmel din il-Qorti.

Il-Perit Valerio Schembri seta' jikkonstata li s-saqaf ta' fuq it-tromba ma kellux xibka doppja u ghalhekk gie intriniskament dghajjef meta ma kellux puntali jew support iehor minn taht. Ikkonkluda wkoll li x-xoghol ta' twaqqieh kien qed isir komplitament kontra dak li titlob l-arti u s-sengha u li l-incident x'aktarx gara peress illi meta nqatghu t-tliet (3) piedi li kien hemm fuq it-tieqa u l-bieb liema parti kellha wesgha ta' cirka tnax (12) il-pied, dik il-parti tas-saqaf giet fix-xejn. Irrizulta illi meta waqa' s-saqaf tat-tromba dan nizel f'diversi bicciet u kisser it-tarag illi kien hemm sottostanti, l-espert tekniku kkonstata wkoll li fil-kuritur is-soqfa wkoll nqatghu konpletament kontra s-sengha u l-arti u li ma kien hemm l-ebda "propping" jew puntali fi kwalunkwe parti tal-font inkwistjoni. Irrizulta wkoll illi l-periti nkarigati fil-progett ma kienux konsultati fil-process ta' demoluzzjoni u x'aktarx lanqas gew infurmati meta ix-xoghol kien beda.

Ikkunsidrat.

L-aggravju ta' l-appellant, minkejja r-rikors volomunuz tieghu, jista jigi jigi kkunsidrat f'zewg taqsimiet, wahda li ma kien hemm l-ebda ness jew kaswalita bejn l-agir tal-vittma u l-appellant u t-tieni illi kien Bowell responsabli ghax-xoghol ta' demoluzzjoni, kien hu illi qabbad lil Galea u lil Sciavone u mhux l-appellant. Wkoll illi il-vittma kellu jerfa parti mir-responsabilta ta' dan l-incident peress illi kienet biss fuq inizzjattiva tieghu illi jkommpli jqatta x'xibka peress illi kienet l-ahhar bicca xoghol illi kienu se jaghmlu.

Ikkunsidrat.

Rigward l-ewwel agravju l-appellant irrifera ghas-sentenza "Il-Pulizija kontra Louis Portelli" ta' l-erbgha (4) ta' Frar, 1961, din is-Sentenza tista titqies bhala l-benchmark ta' fejn tidhol ir-responsabilta dwar l-involonatarju u giet ikkwotata diversi drabi nkluz fil-kawza "Il-Pulizija vs Richard Grech" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu 1996. il-bran li kkwotat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha (fol 243) gejja minn din is-Sentenza. Il-Qorti (preseduta mill-Kompjant Imhallef Joseph Flores) kompliet tghid; "Kif jispjega l-gurista Taljan

Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikulari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika – cioe' l-esperjenza komuni ghal bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplitaw attivita partikulari – tali f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certa prekawzjonijiet bil-ghan li jevita l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati." Ghalhekk il-kwistjonijiet li jridu jigu ventilati minn din il-Qorti huma, wahda illi jekk l-appellant kienx responsabli ghal dawn ix-xogholijiet u t-tieni jekk dan bhala bniedem tekniku wzax certa prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha li ngiebu quddiem l-ewwel Qorti tasal ghal konkluzjoni illi fil-fatt kien l-appellant illi kellu jkun responsabli ghal dawn ix-xogholijiet. Hu kien tqabbad direttament mill-kumpanija Central Asphalt Limited, veru wkoll minghajr ma nghata struzzjojijiet ta' kif kellu jitwettaq id-demoluzzjoni. L-appellant minn nahha tieghu qabbad lil Bowell li qata' qablu mix-xoghol u resaq lil Christopher Galea, Mario Sciavone u lill- vittma Joseph Pepe sabiex dawn jiehdu l-istruzzjonijiet minn ghand l-appellant. Dan ta' l-ahhar ipprovda wkoll il-mezzi sabiex titwettaq id-demoluzzjoni, l-appellant accetta s-servizzi ta' dawn it-tliet (3) nies minghar ma ghamel il-verifiki dwar il-kompetenza taghhom f'dan ix-xoghol. Minkejja dawn in-nuqqasijiet ix-xoghol beda u waqt illi kien qed jigi esegwit Christopher Galea u Joseph Pepe ndunaw illi s-saqaf illi kienu qeghdin iqattghu kien qed jitbewwaq u nfurmaw lill-appellant b'dan il-kaz. L-appellant ma ha l-ebda mizura minkejja li kien gie moghti parir illi jkun opportun illi jingiebu puntali u armar sabiex izomm is-saqaf minn taht. L-appellant ma gab xejn minn dan u qaghad biss fuq assunzjoni illi s-saqaf kellu zewg saffi ta' xibka li fil-fatt ma kellux. Taht dawn il-kundizzjonijiet ma kien hemm xejn stramb li s-saqaf ceda u ha mieghu l-hajja ta' Joseph Pepe. Ma hemmx dubju illi l-appellant jidhol f'dik il-kategorija ta' nies illi jesplitaw attivita partikulari, kien fil-qasam tal-kostruzzjoni, kien gie moghti nkariku specifiku sabiex

jiddemolixxi fond u bhala tali kellu jkollu t-tahrig u taghmir necessarju sabiex jevita li jipregudika l-interessi ta’ terzi, izda minn dan kollu ma ghamel xejn u din il-Qorti bhall-ewwel Qorti hi tal-fehma illi f’dawn il-proceduri altru milli rrizulta illi l-agir ta’ l-appellant Raymond Micallef kien jammonta ghal kulpa kriminali u li kien hemm nexus bejn dawn l-atti l-mewt ta’ Joseph Pepe. L-ewwel Qorti kkonkludiet ukoll illi seta’ kien hemm xi fattur kontributorju minn nahha ta’ Joseph Pepe peress li kien hu li nisista li jkompli l-ahhar bicca xoghol. Ta’ dan deherilha illi ma kelliex taghmel differenza ghal dak li jirrigwardja r-responsabilita, pero’ haditha nkonsiderazzoni fl-ghoti tal-piena.

Din il-Qorti ma ghandha xejn xi zzid ma dan l-argument, bhal ma wkoll m’ghandha xejn xi zzid mill-aspett legali ta’ din il-kawza. L-ewwel Qorti b’mod magistarjali dahlet fil-fond fl-aspetti legali inkluz it-tifsiriet tal-kliem haddiem u mpjegat, kif ukoll il-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolamenti tal-“Health and Safety” f’dan l-incident, ghal skans ta’ repitizzjoni din il-Qorti taghmel piena referenza. Ghalhekk wara li l-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiema l-ewwel Qorti ssib illi l-ewwel Qorti kienet ragionevoli fil-konkluzjoni taghha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik il-konkluzjoni.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-paremetri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak li tkun fil-fatt ( Repubblika vs David Vella erbatax (14) ta’ Gunju 1999 u ohrajn).

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------